MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru. 912/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**
**vs**
**Victor Buttigieg**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Victor Buttigieg iben Anthony u Emanuela nee` Zammit, imwieled Pieta` fid-9 ta` Settembru, 1972 u residenti 'Casa Buttigieg', Triq tal-Labour, Naxxar u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 474072 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

a) Fis-6 ta` Dicembru, 2001 u fix-xhur ta` qabel din id-data f`dawn il-Gzejjer, xjentement lqajt l-imputat ghandu jew xtara revolver tal-marka 'Olympic 38' numru serjali 01438 u hames bullets calibru 22 li kienu misruqin, mehudin b`qerq jew akkwistati b`reat sew jekk dan sar

f`Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b`kull mod li l-imputat ikun indahal biex ibieghhom jew mexxiehom.

b) F`dawn il-Gzejjer, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi l-imputat kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll ta` l-imputat u/jew garra l-imsemmi revolver u munizjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta l-imputat gie fil-pussess ta` l-imsemmi revolver u munizzjon xorta ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dik l-imsemmi arma u munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz.

d) Finalment l-imputat kien sar recidiv ai termini ta` l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-30 ta’ Lulju 2003 (a folio 61 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl- Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali; fl-artikoli 3(1) (1A), 9 tal-Kapitolu 66 u fl-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004 l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta li f’Dicembru 2001 waqt li l-Ispettur Carmelo Magri kien qed jinvestiga sensiela ta’ serqiet li kienu saru fl-inhawi tal-Mosta u San Pawl il-Bahar irrizultalu li certu Christopher Spiteri li eventwalment tressaq il-Qorti kien biegh arma tal-ghamla Olyimpic 38 (serial number 01438) li kien gab min-Niksu Bar, il-Mosta u dan tal-ahhar kien qal lill-Ispettur Magri li huwa biegh l-arma llill-imputat odjern. Meta l-Ispettur Magri kellem lill-

imputat dan ammetta mieghu lli kellu l-imsemmija arma fil-pussess tieghu u mal-ewwel ikkonsenjalu din l-arma.

Permezz tal-ewwel akkuza l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta’ ricettazzjoni taht dak li jididsponi l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta. Dwar dan ir-reat ta’ ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-**Qorti ta’ l-Appell (sede inferjuri)** f’sentenza tal-**25 ta’ Ottubru, 2002** fil-kawza fl-ismijiet **‘Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima’** dwar l-elementi ta’ l-imsemmi reat ta’ ricettazzjoni u cioe:-

“L-element materjali tar-reat ta’ ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss billi l-agent kien laqa’ ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x’inhu dak l-oggett), izda wkoll illi dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b’qerq jew akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b’qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe’ mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni.”

Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti ta’ l-Appell iccitat bran tal-gurista Francesco Antolisei dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan, liema artikolu huwa simili hafna ghall-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema bran huwa s-segwenti:-

*“Poiche oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato presuppone l’esistenza di un altro reato: presuppone, cioe, che un altro reato sia stato commesso in precedenza ….. Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in guidicato … (ma) la condanna per ricettazione non puo’ aver luogo, se prima non e’ stato*

*riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte.. a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche' questa e' una semplice condizione di procedibilita. Del pari, la ricettazione puo' sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita' o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena …. Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e' il presupposto, sia estinto. (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I, Giuffre' (Milano)*, 1986, pp. 358, 359)."

Il-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern kellha ghalhekk tipprova li l-arma tal-ghamla Olyimpic 38 (serial number 01438) kienet insterqet, jew giet akkwistata b'qerq jew kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma' din giet f'idejn l-imputat. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib tali prova. Christopher Spiteri li xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2004 (deposizzjoni a folio 57 u 57 tal-process) filwaqt li qal li kien biegh l-arma in kwisjtoni lill-imputat qal li ma jiftakarx min fejn huwa kien gab din l-arma. Fir-rapport li hemm esebit a folio 14 sa 16 tal-process filwaqt li hemm indikat li kienet saret serqa min-Niksu Bar, Pjazza Nicolo' Isouard, il-Mosta bl-ebda mod ma nsibu indikat li kient insterqet xi arma tan-nar. F'dawn il-proceduri inoltre l-anqas ittela' jixhed l-allegat derubat. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li -Prosekuzzjoni naqset milli tipprova lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li kien hemm *il delitto anteriore* li jsemmi Antolisei, u cioe' li l-arma li nstabet fil-pussess tal-imputat kient giet misruqa.

L-ewwel akkuza ghalhekk ma tirrrizultax pruvata u l-imputat qed jigi liberat mill-istess akkuza.

Dwar l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat ftit hemm x'jinghad salv lli dawn gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi mill-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt pruvat li l-arma in kwistjoni kienet fil-pussess tal-imputat u li huwa ma kienx licenzjat sabiex ikollu din l-arma fil-pussess

tieghu (vide xhieda ta’ PS 1294 a folio 30 tal-process), li l-imputat naqas milli javza lil Kummissarju tal-Pulizjiia immedjatament malli tali arma giet fil-pussess tieghu u li l-imputat sar recidiv (ara sentenza esebita a folio 27 sa 29 tal-process u xhieda tal-Ispettur Neville Aquilina a folio 45 tal-process).

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penalli tal-imputat jirizulta li din mhux l-ewwel darba lli huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja, u fil-fatt huwa qed jinstab hati li sar recidiv u ghalhekk jidrilha li l-piena applikabbli ghandha tkun multa izda aktar vicin il-massimu milli l-minimu applikabbli.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza. Wara li rat l-Artikoli 3(1)(1A) u 9 tal-Kap. 66 tal-Ligjiet ta Malta u l-Artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara lil-imputat hati tat-tieni, t-tielet u r-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta’ mitt lira (Lm100.00).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------